MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2005

Appell Kriminali Numru. 213/2003

**Il-Pulizija**

**v.**

**George Faenza,**
**Joseph Faenza u**
**Roderick Farrugia**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra George Faenza, Joseph Faenza, u Roderick Farrugia talli f'dawn il-Gzejjer f'dawn l-ahhar snin [qabel l-4 ta' Novembru, 1998], b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

a. approprjaw ruhhom billi dawwru bi profitt ghalihom jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li tkun giet fdata jew ikkunsinnata lilhom taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha

specifikat, u cioe` approprjaw ruhhom minn flejjes u oggetti ohra li jammontaw ghal aktar minn Lm5,000, liema flejjes u oggetti ohra kienu ta’ Carmelo Sultana u Sultana Auto Parts, liema flejjes u oggetti ohra kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilhom taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd jew li jsir uzu specifikat, meta l-imsemmija flejjes u oggetti kienu gew fdati lilhom minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz taghhom, jew minhabba depozitu necessarju, bi ksur ta’ l-Artikoli 293 u 294 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

b. b’mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamlu uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdew b’qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b’ohra sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamlu qliegh ta’ aktar minn Lm5,000 ghad-dannu ta’ Carmelo Sultana, Sultana Auto Parts u persuni ohra, bi ksur ta’ l-Artikoli 308 u 309 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

c. talli ikkommettew serq ta’ flus u diversi oggetti ohra ta’ *parts* ta’ karozzi u affarijiet ohra minn Sultana Auto Parts ta’ Hal Qormi liema serq ammontaw ghal aktar minn Lm5,000, liema serq hu aggravat bil-persuna u bil-valur; u

d. xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat jew xjentement b’kull mod li jkun indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom;

Rat is-sentenza ta’ l-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-28 ta’ Ottubru, 2003 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmija George Faenza, Joseph Faenza u Roderick Farrugia mhux hatja u lliberathom;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Generali, minnu prezentat fit-13 ta’ Novembru 2003, li permezz tieghu talab ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fid-diversi udjenzi; ikkunsidrat:

Fl-udjenza tat-12 ta’ Marzu, 2004 l-appellati, tramite l-abbili difensuri taghhom, eccepew l-inappellabilita` tas-sentenza da parti ta’ l-Avukat Generali. Huwa evidenti li l-ewwel li trid tigi deciza hija din il-pregudizzjali.

L-aggravji ta’ l-Avukat Generali, kif minnu formulati fl-imsemmi rikors huma tnejn: u cioe` li l-ewwel qorti (1) *“ghamlet apprezzament manifestament irragjonevoli u zbaljat tal-provi”* u (2) li din ghamlet *“enuncjazzjoni zbaljata jew inkompleta ta’ l-ipotesi tal-ligi”*. Issa, hu evidenti li, ghalkemm it-tieni aggravju, jekk jirrizulta fondat (jigifieri jekk jirrizulta li verament l-ewwel qorti fis-sentenza taghha ghamlet enuncjazzjoni zbaljata jew inkompleta tal-ipotesi tal-ligi) jaghti dritt ta' appell lill-Avukat Generali taht il-partita (*i*) tas-subparagrafu (iv) tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 413[1] tal-Kodici Kriminali <u>kif dana l-artikolu kien qabel l-emenda introdotta bl-Artikolu 91 tal-Att III tas-sena 2002</u>, permezz ta’ l-ewwel aggravju l-Avukat Generali qieghed implicitament jinvoka bhala applikabbli il-paragrafu (c) tal-imsemmi subartikolu. Dana l-paragrafu, introdott bl-Att III imsemmi, jaghti dritt ta’ appell “awtomatiku” -- jigifieri mhux fuq punti ta’ dritt biss izda anke fuq punti ta’ fatt -- lill-Avukat Generali minn decizjonijiet tal-Qorti tal-Magistrati meta r-reat ipotizzat ikun jaqbez il-kompetenza “originali” tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali (Art. 370(1), Kap. 9). Dana l-paragrafu (c), ghalkemm introdott bl-Att III tal-2002, gie fis-sehh biss fl-1 ta’ Ottubru, 2003 (ara l-Avviz Legali 273/2003), u ghalhekk ferm wara li kienu inbdew il-proceduri kontra l-appellati[2] u ftit anqas minn xahar qabel ma nghatat is-sentenza appellata. Konsegwentement l-appellati qed jikkontendu li l-Avukat Generali f’dana l-kaz m’ghandux dritt ta’ appell “awtomatiku” kif qed jippretendi li ghandu (u dan, naturalment, apparti minn jekk hemmx enuncjazzjoni zbaljata jew inkompleta ta’ l-ipotesi tal-ligi). Bazikament l-appellati jikkontendu illi kieku kellu jkun

---

[1] Art. 413(1)(b)(iv)(*i*).

[2] Dawn tressqu b’arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja fl-4 ta’ Novembru, 1998.

applikabbli ghall-kaz *de quo* il-paragrafu (c) imsemmi, tkun qed tigi applikata retroattivament ligi penali meta huwa maghruf li tali ligijiet ma jistghux jigu applikati retroattivament. Permezz ta' nota pprezentata fit-30 ta' Lulju, 2004 huma ghamlu referenza ghal dak li jghidu diversi awturi taljani, kemm kontemporanji kif ukoll klassici, in tema ta' retroattivita` tad-dritt penali. L-appellant, min-naha tieghu, jikkontendi li hawn si tratta ta' dritt penali procedurali u mhux dritt penali sostantiv, b'mod li mhux applikabbli d-divjet dwar ir-retroattivita`. Huwa ghamel referenza wkoll, permezz ta' nota pprezentata fit-3 ta' Awissu, 2004, ghal tlett sentenzi tal-Qrati taghna.

Issa, apparti x'jghidu l-awturi taljani, li hafna drabi jkunu qed jikkummentaw dwar disposizzjonijiet specifici ta' ligi li ma jsibux riskontru identiku fil-ligi taghna, il-ligi u l-gurisprudenza taghna in materja ta' non-retroattivita` tad-dritt penali hija cara. Ferm qabel ma kellna l-Kostituzzjoni ta' l-1964, u ghalhekk ukoll ferm qabel ma Malta rratifikat il-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali taghna kienu japplikaw mhux biss ir-regola kontenuta fl-Artikolu 27 tal-Kodici Kriminali dwar it-tibdil fil-piena ghal reat partikolari, izda wkoll il-principju *nullum crimen, nulla peona sine lege* li minnu titnissel il-regola konkomitanti tan-non-reatroattivita` tad-dritt penali sostantiv. Dan il-principju llum jinsab kristallizzat fis-subartikolu (8) tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta[3] kif ukoll fl-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea[4]. Kif jispjegaw Ben Emmerson u Andrew Ashworth fil-ktieb taghhom ***Human Rights and Criminal Justice*** [5]:

**"There are thus two closely connected principles underlying Article 7. The first is that the substantive criminal law should be sufficiently accessible and**

[3] 39(8): "Hadd ma ghandu jitqies li jkun hati ta' reat kriminali minhabba f'xi att jew ommissjoni li, fil-hin meta jkun sar, ma jkunx jikkostitwixxi reat bhal dak, u ebda piena ma ghandha tigi mposta ghal xi reat kriminali li tkun aktar severa fi grad jew xorta mill-oghla piena li setghet tigi mposta ghal dak ir-reat fiz-zmien meta jkun gie maghmul."

[4] 7(1): "Hadd ma ghandu jitqies li jkun hati ta' reat kriminali minhabba f'xi att jew ommissjoni li ma kienux jikkostitwixxu reat kriminali skond ligi nazzjonali jew internazzjonali fil-hin meta jkun sar. Lanqas ma ghandha tinghata piena akbar minn dik li kienet applikabbli fiz-zmien meta r-reat kriminali jkun sar." Is-subartikolu (2) tal-imsemmi Artikolu 7 jipprovdi ghal eccezzjoni li mhix relevanti ghall-kaz in dizamina.

[5] Sweet & Maxwell (London), 2001.

**precise to enable an individual to know in advance whether his conduct is criminal; and the second is that developments of the criminal law by the courts (whether through the interpretation of statutory offences, or the development of common law offences) must be kept within the bounds of what is reasonably foreseeable.”** [6]

Huwa car, ghalhekk, li l-principju tan-non-reatroattivita` japplika biss ghad-dritt penali sostantiv u mhux ukoll ghal dak procedurali. Il-Qrati taghna kellhom diga l-okkazzjoni li jepuraw dan il-punt, u l-linja li giet dejjem segwita hi li, bhala regola, id-dritt procedurali huwa ta’ applikazzjoni immedjata, cioe` applikabbli anke ghall-proceduri li jkunu diga gew istitwiti qabel il-bidu fis-sehh tal-“procedura” gdida – ara, fost ohrajn, tnejn mis-sentenzi li ghalihom ghamel referenza l-appellant Avukat Generali, u cioe` s-sentenza ta’ din il-Qorti, kollegjalment komposta, tal-24 ta’ Jannar, 1989 fl-ismijiet ***The Republic of Malta v. Ravi Ramani*** u s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-8 ta’ Jannar, 1992 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Lawrence Cuschieri***. Jinghad “bhala regola” ghax ma huwiex eskluz li jista’ jkun hemm materji, apparentement procedurali, izda li tant direttament jincidu fuq jekk att jew ommissjoni jammontawx jew le ghal reat jew fuq il-punibbilita` ta’ dak l-att jew ta’ dik l-ommissjoni, li ghalihom ikun effettivament applikabbli wkoll il-principju tan-non-retroattivita`. Dan, pero`, ma huwiex il-kaz odjern. Ga qabel l-1 ta’ Ottubru, 2003 l-Avukat Generali kellu dritt ta’ appell in konnessjoni ma’ dawn il-proceduri – izda dan id-dritt kien wiehed limitat, kif solitament jinghad, ghal “punti ta’ dritt”. Il-paragrafu (c) tal-Artikolu 413(1) semplicement estenda dana d-dritt. Id-dritt ta’ appell ta’ l-Avukat Generali, sia kif kien qabel u sia kif inhu llum, minnu nnifsu ma johloqx ir-reat jew jaghmel xi fatt punibbli – dana d-dritt semplicement jaghti lok ghal proceduri ta’ revizjoni biex jigi accertat jekk sehhx il-fatt li kien jikkostitwixxi reat fil-mument meta allegatament sar u, jekk sehh, x’piena ghandha tinghata skond il-ligi vigenti fil-mument tal-kommissjoni ta’ dan ir-reat (u salv dejjem dak li jinghad fl-

[6] P. 282, para. 10-05.

Artikolu 27 tal-Kodici Kriminali). Ghalhekk, il-pregudizzjali sollevata mill-appellati qed tigi respinta.

Kwantu ghall-meritu ta’ l-appell, din il-Qorti qrat l-atti kollha tal-process – ‘l fuq minn erba’ mitt faccata – u tistqarr mill-ewwel li tikkondividi pienament il-perplessita` ta’ l-Avukat Generali fir-rigward tar-ragunijiet imsemmija fis-sentenza appellata u li ghalihom l-ewwel qorti rriteniet li ma kellhiex issib lill-appellati hatja. Jibda biex jinghad li mill-kumpless tal-provi jirrizulta li fil-periodu qabel Ottubru, 1997 Carmelo Sultana kien jiggestixxi hanut li minnu kien ibiegh *parts* tal-karozzi. Mieghu kellu impjegat lill-appellat Roderick Farrugia. Mhux l-boghod minnu, l-appellati George u Joseph, ahwa Faenza, kellhom hanut iehor li fih kienu jaghmlu xoghol ta’ tiswija fil-karozzi. Maghhom kellhom jahdem lil certu Neville Baldacchino. Bejn l-ahwa Faenza u Carmelo Sultana kien hemm arrangament li meta huma jkollhom bzonn ta’ xi *parts* biex isewwu certi karozzi, Sultana kien jaghtihom dawn il-*parts* “on credit”, u meta huma eventwalment jithallsu tax-xoghol li jkunu ghamlu, normalment minghand ditti assiguratrici ta’ vetturi bil-mutur, huma kellhom ihallsu lill-imsemmi Sultana. Il-prosekuzzjoni tallega li ghal diversi xhur qabel id-data msemmija, l-ahwa Faenza, bil-komplicita` ta’ Roderick Farrugia, kienu qed jiehdu l-ktieb fejn Sultana kien inizzel notament ta’ x’kellu jiehu minghandhom u, ad insaputa tieghu, jimmarkaw l-istess ktieb bhallikieku Sultana kien thallas jew altrimenti addirittura jqattghu in-notament. Tallega wkoll il-prosekuzzjoni li fl-istess zmien l-appellati kienu qed jiehdu ossia jisirqu oggetti zghar mill-hanut ta’ Sultana u jehduhom fil-hanut taghhom ghall-uzu taghhom.

Din il-Qorti hi sodisfatta li, mill-kumpless tal-provi, u senjatament mid-deposizzjoni ta’ Neville Baldacchino, korroborat principalment minn Paul Valletta u mid-deposizzjoni ta’ Nora Sultana, l-imputazzjonijiet (hlief ghall-approprjazzjoni indebita, ghat-truffa u ghar-ricettazzjoni) jirrizultaw sodisfacentement pruvati. Din il-Qorti hi sodisfatta li sat-12 ta’ Settembru, 1997 – id-data meta Nora Sultana qabdet lil George Faenza qed jirritorna bil-mohbi l-ktieb imsemmi – l-ahwa Faenza kienu regolarment qed ibaghbsu l-imsemmi ktieb b’mod li jaghtu

lil Sultana x'jifhem li huma kienu qed ihallsuh ta' xi whud mill-*parts* li hu kien jaghtihom. Fl-istess periodu jirrizulta li huma kienu wkoll regolarment jaqbdu u jiehdu oggetti zghar mill-hanut ta' Sultana – effettivament jisirquhom – biex eventwalment juzawhom fix-xoghol taghhom. Fl-eghmil konsistenti fit-tbaghbis tal-ktieb, din il-Qorti, pero`, ma tirravvizax ir-reat ta' approprjazzjoni indebita skond l-Artikolu 293, u dan peress li l-oggetti li Sultana kien jikkonsenja lill-ahwa Faenza kienu effettivament jigu wzati minnhom ghat-tiswija ta' vetturi – biss huma kienu jaraw kif jingannawh biex ma jhallsuhx lura. Fil-fehma tal-Qorti dan l-eghmil jammonta ghal frodi fis-sens tal-Artikolu 309 tal-Kodici Kriminali. Kwantu ghall-valur, trattandosi ta' reat kontinwat, il-Qorti hi sodisfatta li l-oghla valur ta' qliegh b'qerq li huma ghamlu f'okkazjoni wahda kien dak qrib is-sitt mitt lira msemmi mix-xhud Baldacchino (ara fol. 79). Ghal dak li jirrigwarda s-serq, peress li ma gie qatt determinat il-valur ta' l-oggetti li ttiehdu f'xi okkazjoni wahda, din il-Qorti tirravviza biss serq semplici kontinwat.

Fir-rigward ta' Roderick Farrugia, l-unika imputazzjoni li tirrizulta sodisfacentement pruvata – u dan mid-deposizzjoni kemm ta' Nora Sultana (fol. 106, 107) kif ukoll ta' Carmelo Sultana (fol. 123 u 181) – tirrigwarda s-serq tal-"exhauster" li kien jiswa Lm54. Dan is-serq hu, pero`, kwalifikat bil-persuna peress li Farrugia kien impjegat ma' Sultana.

Biex waslet ghal dawn il-konkluzzjonijiet din il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni l-argumenti u s-sottomissjonijiet kollha mqajjma u migjuba mill-abbili difensuri ta' l-appellati; izda kuntrarjament ghal dak li qalet l-ewwel qorti fis-sentenza taghha, ma tarax li dawn l-argumenti u sottomissjonijiet, u l-provi prodotti mid-difiza, idghajfu b'xi mod sostanzjali l-kaz tal-prosekuzzjoni. Il-fatt li setghet saret xi "pressjoni" minn Sultana fuq Farrugia biex dana jaghmel stqarrija lill-pulizija, <u>f'dan il-kaz</u> ma hu ta' ebda relevanza ghax, kif tajjeb irrileva l-Avukat Generali fir-rikors ta' appell tieghu, Farrugia ghadu sal-lum ko-akkuzat ma' l-ahwa Faenza u ghalhekk kull ma jghid hu jiswa ghalih u ghalih biss; u dan b'ebda mod ma inkrimina lilu nnifsu b'din l-istqarrija. Anke r-relazzjonijiet tal-perit

kalligrafu ma jwasslu mkien ghax, mehudin flimkien, huma inkonkluzzivi. Huwa veru li f'certu sens l-ewwel relazzjoni tikkontradici dak li jghidu Baldacchino u Valletta u cioe` li kien Joseph Faenza li kien jikteb "paid" fuq il-ktieb li kien jittiehed lil Sultana – pero` din il-Qorti tirrileva li jidher li dawn qalu hekk mhux ghax huma raw lil Joseph Faenza jikteb izda ghax hekk kienu jghidulhom jew jaghtuhom x'jifhmu l-istess ahwa Faenza. Infatti Baldacchino jghid (fol. 78): *"Qaluli Joe iktar bhal Karmenu Sultana jiktibha 'paid' milli George."* (sottolinear ta' din il-Qorti). Kwantu ghad-deposizzjoni ta' Simon Spiteri u l-fatt li fir-rigward ta' *entry* li kienet ghamlet Nora Sultana fil-pitazz ezibit Dok. AM6 bhala "not paid" irrizulta li l-imsemmi Spiteri kien hallas lil zewgha, dan hu kaz izolat li wkoll, sia wahdu jew anke jekk mehud mal-provi u l-argumenti mressqa mid-difiza, ma jiskossax il-kaz tal-prosekuzzjoni. A propositu ta' dan il-pitazz l-appellati Faenza, filwaqt li jaghmlu referenza ghall-*entry* ta' "Spedito u Connie" (il-genituri ta' Spiteri) konvenjentement jinjoraw ghal kollox l-*entry* dwar l-iStarlet Green Metallic u l-ingassar korrispondenti fuq il-ktieb originali (wiehed mill-ezibiti a fol. 110) ta' l-okkazjoni meta Nora Sultana qabdet lil George Faenza jirritorna l-ktieb f'postu.

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell ta' l-Avukat Generali, u tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn illiberat lill-ahwa Faenza mill-imputazzjonijiet li jipotizzaw ir-reati ta' frodi innominata u ta' serq, kif ukoll fejn illiberat lil Roderick Farrugia mill-imputazzjoni li tipotizza r-reat ta' serq, u minflok issib:

(1) lil George Faenza u Joseph Faenza hatja talli, fix-xhur precedenti t-12 ta' Settembru, 1997 b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ghamlu qligh b'qerq a dannu ta' Carmelo Sultana u Sultana Auto Parts f'ammont ta' aktar minn hames mitt lira, bi ksur tal-Artikoli 309 u 310(1)(a) tal-Kodici Kriminali; kif ukoll talli fl-istess zmien b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda ikommettew serq semplici a dannu tal-imsemmija Carmelo Sultana u

Sultana Auto Parts bi ksur tal-Artikolu 284 tal-Kodici Kriminali; u
(2) lil Roderick Farrugia talli f'xi zmien qabel it-12 ta' Settembru, 1997 ha u seraq, a dannu u kontra l-volonta` ta' Carmelo Sultana, "exhauster" li jiswa Lm54, liema serq huwa kwalifikat bil-persuna, bi ksur tal-Artikolu 261(d) tal-Kodici Kriminali;

u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija; u wara li rat l-imsemmija artikoli kif ukoll l-Artikoli 17(b), 18, 31(1)(b), 281(a) u 285 tal-Kodici Kriminali, u l-pieni kif kienu fiz-zmien tal-kummissjoni tar-reati aktar 'l fuq imsemmija, tikkundanna lil Roderick Farrugia ghall-piena ta' seba' (7) xhur prigunerija, b'dan li, b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali din is-sentenza m'ghandhiex tibda ssehh, hlief jekk, matul il-periodu ta' sena mil-lum, l-imsemmi Roderick Farrugia jikkommetti reat iehor li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija; u tikkundanna lil George Faenza u Joseph Faenza ghall-piena ta' hmistax-il (15) xahar prigunerija kull wiehed, b'dan li, b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali din is-sentenza m'ghandhiex tibda ssehh hlief jekk, matul il-periodu ta' erba snin mil-lum, huma jikkommettu reat li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija. Il-Qorti spjegat bi kliem car lit-tlett hatjin ir-responsabbilta` taghhom taht l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk huma jikkommettu matul il-periodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija. Fl-ahharnett il-Qorti tigbed l-attenzjoni tar-Registratur ghas-subartikolu (8) tal-Artikolu 28A imsemmi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------